**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 13 TA' SETTEMBRU 2021**

**Rikors Revoka nru. 665/2021 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 561/2021**

**Fl-ismijiet:-**

**No Deposit Cars Malta Limited**

**Vs**

**Thea Grace Scicluna**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment finali dwar rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2021 mis-sekwestrata Thea Grace Scicluna fejn qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) u/jew (f) tal-

Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-ħlas ta' penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap. 12.

Quddiem din il-Qorti kif presjeduta hemm pendenti il-kawża nru 136/2021RGM fl-ismijiet "Thea Grace Scicluna vs No Deposit Cars Malta Limited" fejn Scicluna qed titlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt ta' *hire-purchase* ta' vettura kif ukoll ir-rexxissjoni ta' numru ta' kambjali iffirmati minnha in konnessjoni mal-istess kuntratt. Fl-istess kawża, is-soċjeta' sekwestranti odjerna mhux biss qed tikkontesta t-talbiet attriċi iżda wkoll intavolat kontro talba fejn qed titlob li Scicluna tiġi kkundannata tersaq sabiex tieħu l-konsenja tal-vettura lilha mibjugha kif ukoll talbet li jiġi ddikjarat li Scicluna tilfet il-benefiċċju tat-terminu konċess fil-kuntratt ta' *hire-purchase* u konsegwentement tiġi kkundannata tħallas il-bilanċ kollu.

Kontestwalment mal-preżentata tar-risposta ġuramentata u l-kontro-talba tagħha, is-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Scicluna għall-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000) wara li Luke John Milton għan-nom tas-soċjeta' iddikjara bil-ġurament tiegħu illi s-somma indikata hija "in kawtela ta' ammonti dovuti mis-sekwestrata lill-kumpanija esponenti ai termini ta' kuntratt ta' "Hire Purchase" iffirmat fit-8 ta' Jannar 2021 dwar il-vettura tal-għamla Mazda Demio Hatchback bin-numru ta' reġistrazzjoni LDJ 038......"

**Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12**.

Fir-**rikors tagħha tas-7 ta' Lulju 2021** is-sekwestrata Scicluna tilmenta illi r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru għas-somma ta' €20,000 ma fihx spjegazzjoni dwar kif is-sekwestranti waslet għal din iċ-ċifra. Tispjega illi l-ammont li jirriżulta fil-hire purchase agreement ma hux ta' €20,000 iżda ta' €15,120. Għalhekk tirritjeni illi l-ammont indikat fis-sekwestru ma hux prima facie ġustifikat jew huwa eċċessiv fit-termini tas-sub inċiż (1) (d) tal-Artikolu 836.

Fin-nota tagħha tat-13 ta' Awissu 2021 is-soċjeta' sekwestranti tilqa' għal dan billi tgħid illi l-ammont ta' €20,000 waslet għalih billi għamlet addizzjoni matematika ta' tal-ammonti dovuti skond il-hire purchase agreement koperti bl-import ta' 72 kambjala ta' €210 il-waħda b'total ta' €15,120 kif ukoll bl-import ta' 72 kambjala oħra ta' €76 il-waħda b'total ta' €5,472.

Ikkunsidrat;

Fi proċeduri bħal dawk odjerni l-Qorti ma titrattax il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet izda hija marbuta li timxi strettament ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap. 12. Il-proċedura hekk stabbilita hija waħda ta' natura straordinarja intiża sabiex il-lanjanza tiġi trattata u deċiża b'urgenza u fl-aqsar żmien possibbli.

Huwa għalhekk li l-proċedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet assoċjati mal-proċedura solenni tal-kawzi fil-mertu tant li l-Qorti għandha l-fakolta' li titratta talbiet simili għar-revoka in parte jew in toto ta' mandat kawtelatorju mingħajr il-ħtiega li tappunta seduta għal smiegħ viva voce.

In tema legali ssir referenza għad-deċizzjoni mogħtija fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd**, fejn ġie dikjarat illi: "... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali filkawża proprja."

Fuq l-istess binarju hija d-deċizzjoni mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et vs. Charles Bianco et** ,fejn il-Qorti stabbiliet illi: "L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li

dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide Vincent Mercieca vs. George Galea, 29 ta' Novembru, 2011, u Technobroadcast srl vs. Mediterrenean Broadcasting Limited, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."

Ikkunsidrat;

Il-Qorti eżaminat sew l-atti tar-rikors revoka kif ukoll l-atti tal-kawża fil-mertu li jinsabu pendenti quddiemha.

Fil-kopja informali tal-*hire purchase agreement* hemm indikat illi l-prezz pattwit għall-vettura bis-chassis nru. DJ3FS-318554 huwa ta' €15,120. Skond paragrafu 2.2.4 tal-ftehim hemm dikjarat illi Scicluna qed tobbliga ruħha li tħallas lis-soċjeta' s-somma komplessiva ta' €15,120 b'rati mensili ta' €210-il waħda fit-8 jum ta' kull xahar. Jingħad hekk f'din il-klawsola:-

"2.2.4 In view of the foregoing, the Hirer undertakes to pay the Owner the outstanding balance of €15,120 in instalments of € 210 each on the 8th day of every month. The parties agree that such instalments are also inclusive of an administration charge of € 0 equivalent to €25.00 per bill of

exchange in accordance with Clause 2.2.3. The parties further agree that such instalments shall bear interest at the highest rate permitted by law.

2.3 For the purposes of sub-clause 1.2.4 (recte. 2.2.4) the Hirer is hereby signing and delivering to the Owner 72 bills of exchange of € 210 each......

- Omissis -

2.8 The hirer agrees that there is a 76 Euro per month bill of exchange and administrative fees which will be included in the monthly instalment."

Eżami superfiċjali tal-*hire purchase agreeement* juri illi l-ammonti pretiżi mis-soċjeta' sekwestranti huma indikati fil-ftehim de quo. Dan irrispettivament min mill-partijiet għandu raġun fil-mertu. Aspett dan li jrid jiġi deċiż fil-kawża fil-mertu u mhux f'dawn il-proċeudri.

Fil-fatt il-kuntratt imsemmij espressament jispeċifika illi l-ammonti miftehma in konnessjoni mal-bejgħ tal-vettura huma koperti b'numru ta' kambjali. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-ammont indikat fir-rikors u l-eventwali mandat ma jistax jitqies la ma hux prima facie ġustifikat jew li huwa prima facie eċċessiv. Naturalment tali konsiderazzjoni bl-ebda mod ma ddgħajjef il-pretensjoni tas-sekwestrata fil-kawża fil-mertu illi l-kuntratt ta' *hire purchase* għandu jiġi rexxiss.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi illi t-talba msejsa fuq l-artikolu 836 (1) (d) ma hiex fondata.

**Artikolu 836 (1) (f)**.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tas-sub inċiż (1) (f) is-sekwestrata tispjega illi wieħed mis-sekwestratarji fil-mandat de quo huwa min iħaddimha. B'effett tal-mandat is-somma biss ta' €698.81 mis-salarju mensili tagħha bdiet tiġi depożitata fil-kont bankarjut tagħha mal-HSBC u l-kumplament depożitati l-Qorti b'effett tal-mandat.

Tispjega wkoll illi xorta waħda ma tistax taċċedi għas-somma mensili ta' €698.81 in kwantu anke l-bank HSBC huwa wieħed mis-sekwestratarji u għalhekk meta min iħaddem lis-sekwestrata jiddepożita s-somma mensili ta' €698,81 fil-kont bankarju tagħha, dak l-ammont qed jiġi mblukkat permezz tal-mandat de quo.

Titlob għalhekk illi fi kwalunkwe każ, anke jekk is-sekwestru kawtelatorju ser jinżamm fis-seħħ, tali somma mensili ma tibqax tiġi soġġetta għas-sekwestrju.

Is-soċjeta' sekwestrata f'dan ir-rigward tiċċita diversi sentenzi in sostenn tas-sottomissjoni tagħha illi s-sub inċiż (1) (f) huwa applikabbli biss jekk wara l-

ħruġ ta' mandat kawtelatorju tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-mandat jibqa' fis-seħħ.

It-talba mressqa bil-mezz tar-rikors in dizamina ser tigi issa trattata fit-termini tal-Artikolu 836 (1) (f) li jipprovdi illi l-Qorti ghandha l-fakolta li tirrevoka in parte jew in toto mandat kawtelatorju "Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu ..............."

Ġie ritenut fis-sentenza **Lombard Bank plc v. Dr. Melvyn Mifsud et**:- "Kwantu ghall-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12.(f) gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna, ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "Spiteri v Darmanin" - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu 2007) "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."

Fi provvediment tal-4 ta' Frar 2016, moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet **Steven Pace et v. Paul Camilleri et** ingħad:- "Illi biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo." Ġie wkoll ritenut illi:- "Is-success jew

telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragjonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem “jinzamm” u “aktar mehtieg” li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-każ.

Ikkonsidrat;

Din il-Qorti, wara li eżaminat sew il-provvediment legali in diżamina kif ukoll il-ġurisprudenza kopjuża fir-rigward hi tal-fehma illi sabiex tapplika id-dispost tas-sub inciz (1) (f) tal-artikolu 836 f'dak li jirrigwarda ir-raġonevolezza o meno jekk jinżammx mandat kawtelatorju fis-seħħ jew le, ma hux neċessarjament meħtieg li jirriżulta xi kambjament fiċ-ċirkostanzi mil-jum li fih ikun inħareġ il-mandat sal-jum li fih jiġi ppreżentat ir-rikors revoka.

Fil-fehma tal-Qorti jista' jkun hemm ċirkostanzi li jindikaw li mandat, sa mill-ewwel jum, m'għandux jibqa' fis-seħħ in toto jew in parte.

Mhux neċessarjament meħtieg li jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi mill-jum li fih ikun inħareg il-mandat kawtelatorju.

Tali fehma hija msaħħa mill-fatt illi kif iseħħ fil-maġġorparti tal-każijiet, mandat ta' sekwestru kawtelatorju jinħareg mingħajr l-ebda indaġini ġudizzjarja lanqas fuq livell prima facie. Il-Qorti presjeduta mill-imħallef tal-għassa toqghod fuq il-ġurament tas-sekwestranti, anzi ta' wiehed jew waħda biss mis-sekwestranti, jekk ikun hemm diversi u immankabilment tilqa’ t-talba jekk il-ħtiġijiet formali jkunu sodisfatti.

L-ebda indaġini ma ssir preventivament sabiex il-Qorti tevalwa jekk hux raġjonevoli li tordna l-ħrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi una volta sabiex jinħareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma hux meħtieġ li qabel xejn il-Qorti tindaga jekk hux ġustifikat jew raġjonevoli li toħroġ tali mandat; hekk ukoll fil-fehma ta’ din il-Qorti mhux meħtieg li jrid ta' bilfors jirriżultaw bdil fiċ-ċirkostanzi mill-jum li tali mandat ikun inħareg sabiex il-Qorti tindaga jekk fiċ-ċirkostanzi hux reġonevoli li l-mandat jibqa' fis-sehh, sew jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi sew jekk ma jkunx hemm; sew jekk il-mandat ikun ilu x-xhur li inħareġ, sew jekk ikun ilu biss ftit siegħat.

Fil-fehma tal-Qorti l-kelma "jinżamm" m'għandix neċessarjament tinftiehem li jeħtieg li jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti tifhem illi kieku l-ħsieb tal-Leġislatur kien li artikolu 836 (1) (f) jkun applikabbli biss fejn jirriżulta bdil ta' ċirkostanzi mill-jum tal-ħruġ tal-mandat kawtelatorju, il-kliem adoperat f'tali sub inċiż kien ikun divers billi ssir referenza speċifika għal bdil ta' ċirkosgtanzi kif insibu per eżempju fis-sub inċiz (5) tal-istess artikolu. Il-fatt li l-leġislatur ma adoparax il-kliem "bdil ta' ċirkostanzi" jew kliem b'tifsira simili iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi mhux meħtieġ neċessarjment bidl ta' ċirkostanzi sabiex tapplika id-dispost tas-sub inċiż (1) (f) tal-artikolu 836.

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti l-ilment tas-sekwestrata fir-rigward huwa ġustifikat irrispettivament jekk kienx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi. Tali ammont mhux sekwestrabbli huwa initż sabiex f'ċirkostanzi simili s-sekwestrat jkollu mezz finanzjarju minimu ta' sussistenza li fil-każ odjern qed jiġi impedit.

Għalhekk il-Qorti ser tordna illi l-kont bankarju li fih qed tiġi depożitata l-paga tas-sekwestrata ma jkunx soġġett għall-mandat ta' sekwestru de quo bil-kondizzjoni imposta fuq is-sekwestrata u fuq il-bank tal-kont bankarju illi f'tali kont jiġu depożitati biss is-somma mensili ta' €698,81 minn min iħaddem lis-sekwestrata u xejn aktar.

**Artikolu 836 (8) (b) u (d) tal-Kap. 12**.

Fl-aħħarnett is-sekwestrata qed titlob li s-soċjeta' sekwestranti tiġi kkundannata tħallas penali għaliex qabel il-ħruġ tal-mandat ma kienx hemm interpellazzjoni għall-ħlas.

**Artikolu 836 (8) (b)** jipprovdi illi min jottjeni l-ħruġ ta' mandate kawtelatorju jista' jkun soġġett għall-penali;

"Jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:
Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;"

Mill-atti jirriżulta illi s-soċjeta' sekwestranti intavolat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat wara li ġiet notifikata bir-rikors promotur tal-kawża fil-mertu għar-rexxissjoni tal-hire purchase agreement u tal-kambjali assoċjati miegħu. Huwa evidenti għalhekk illi s-sekwestrata bl-ebda mod ma ġiet preġudikata billi ma ġietx interpellata tħallas qabel intalab il-ħruġ tal-mandat. Tali talba kienet ser tkun superfluwha u fi kwalunkwe każ huwa

aktar minn evidenti li l-ebda pagament ma kienet ser teffettwa s-sekwestrata/.

Artikolu 836 (8) (d) jipprovdi illi min jottjeni l-ħruġ ta' mandate kawtelatorju jista' jkun soġġett għall-penali:

"Jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."

Kif rajna supra, ma jirriżultax li t-talba għall-ħruġ tal-mandat saret b'malizzja, jew hija frivola jew vessatorja. Il-fatt li l-mandat ma ġiex revokat hija prova ta' dan.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi definittivament ir-rikors ta' Thea Grace Scicluna tas-7 ta' Lulju 2021 bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' in parte r-rikors in kwantu msejjes fuq l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 limitatament safejn jirrigwarda dik il-parti mis-salarju tas-sekwestrata li ma hux sekwestrabbli u tordna illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 561/2021 fl-ismijiet No Deposit Cars Malta Limited vs Thea Grace Scicluna m'għandux ikollu effett fuq is-somma mensili ta' € 698.81 depożitata mensilment minn De La Rue Currency and Security Print Limited.

2. Tordna għalhekk lil HSBC Bank Malta plc sabiex jirrilaxxja a favur is-sekwestrata Scicluna l-ammonti mensili ta' € 698.81 il-wieħed li ġew depożitati minn De La Rue Currency and Security Print Limited fil-kont bankarju tas-sekwestrata Thea Grace Scicluna mal-HSBC mill-jum li fih inħareġ is-sekwestru de quo 'il quddiem.

3. Tordna li minn issa 'l quddiem jiġu depożitati biss f'dan il-kont bankarju tas-sekwestrata l-ammont mensili ta' € 698.81 minn De La Rue Currency and Security Print Limited.

4. Tiċħad il-kumplament tat-talbiet.

Bl-ispejjeż riżervati għas-sentenza fil-kawża fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 13 ta' Settembru 2021.**

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**